*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,254, 16 ta' Marzu, 1984*
*Taqsima A*

# MALTA

## ATT Nru. VI ta' l-1984

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.**

## ACT No. VI of 1984

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the National Insurance Act, 1956.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

16 ta' Marzu, 1984

# ATT Nru. VI ta' l-1984

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li għandhom effett mis-7 ta' Jannar, 1984

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Pensjoni li għandha titħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu lil armla li —

(i) jkollha 60 sena jew iżjed; u

(ii) ma tkunx qed tirċievi pensjoni mingħand prinċipal tal-mejjet żewġha li b'xi mod ikollha x'taqsam ma' l-impieg tal-mejjet żewġha, jew, jekk tkun qed tirċievi pensjoni bħal dik, meta dik il-pensjoni tkun hekk baxxa li dik l-armla xorta waħda tikkwalifika għal pensjoni skond is-subartikolu (1Ċ) ta' dan l-artikolu,

għandha, mis-7 ta' Jannar, 1984, tiżdied bl-ammont applikabbli muri taħt it-Taqsima III tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att kalkolat fuq il-bażi ta' medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet stabbiliti dwar it-talba tagħha għal Pensjoni ta' Armla.".

Emenda ta' l-artikolu 100 ta' l-Att prinċipali

**3.** L-artikolu 100 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "żewġ terzi" għandhom jidħlu l-kliem "minn sitta ħamsa"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "b'terz" għandhom jidħlu l-kliem "minn tnax ħamsa".

Emenda tad-Disa' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**4.** Minnufih wara t-Taqsima II tad-Disa' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiżdied it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA III

*Żieda fir-rata ta' Pensjoni ta' Armla taħt is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att*

| Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati | L-ogħla rata ta' żieda fil-ġimgħa |
|---|---|
| | Lm c m |
| 50 jew iżjed (rata sħiħa) | 1.00,0 |
| 40 — 49 | 0.90,0 |
| 30 — 39 | 0.70,0 |
| 20 — 29 | 0.50,0.". |

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 163 ta' l-14 ta' Marzu, 1984.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

16th March, 1984

# ACT No. VI of 1984

*AN ACT further to amend the National Insurance Act, 1956.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

**1.** (1) This Act may be cited as the National Insurance (Amendment) Act, 1984, and shall be read and construed as one with the National Insurance Act, 1956, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) The provisions of this Act shall be deemed to have effect as from the 7th day of January, 1984.

Amendment of section 16 of the principal Act.

**2.** Immediately after subsection (6) of section 16 of the principal Act there shall be added the following new subsection:

(7) A pension payable in accordance with the foregoing provisions of this section to a widow who —

(i) is aged 60 years or over; and

(ii) is not in receipt of a pension from an employer of her late husband which is in any way related to the employment of her late husband, or, if in receipt of such pension, where such pension is so low that such widow would still qualify for a pension in accordance with subsection (1C) of this section,

shall, as from the 7th January, 1984, be increased by the applicable amount shown under Part III of the Ninth Schedule to this Act calculated on the basis of the yearly average of contributions ascertained in connection with her claim for a Widow's Pension.".

Amendment of section 100 of the principal Act.

**3.** Section 100 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in subsection (2) thereof for the words "two-thirds" there shall be substituted the words "five-sixths"; and

(b) in subsection (3) thereof for the words "one-third" there shall be substituted the words "five-twelfths".

**4.** Immediately after Part II of the Ninth Schedule to the principal Act there shall be added the following new Part: Amendment of the Ninth Schedule to the principal Act.

"PART III

*Increase in the rate of Pension to a Widow under subsection (7) of section 16 of the Act*

| Yearly average of contributions paid or credited | Maximum Weekly Rate of increase |
|---|---|
| | Lm c m |
| 50 or more (full rate) | 1.00,0 |
| 40 — 49 | 0.90,0 |
| 30 — 39 | 0.70,0 |
| 20 — 29 | 0.50,0.". |

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 163 of the 14th March, 1984.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*